**Motiv invokat**

— Ksur tal-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fl-4 ta’ Frar 2020 – Metamorfoza vs EUIPO – Tiesios kreivės (MUSEUM OF ILLUSIONS)

**(Kawża T-70/20)**

(2020/C 103/49)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Metamorfoza d.o.o. (Żagreb, il-Kroazja) (rappreżentant: A. Bijelić, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Tiesios kreivės (Vilnjus, il-Litwanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* ir-rikorrenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata*: applikazzjoni għat-trade mark tal-Unjoni Ewropea figurattiva li tinkludi l-element verbali “MUSEUM OF ILLUSIONS” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 263 336

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-2 ta’ Diċembru 2019 fil-Każ R 663/2019-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— teżamina l-kawża u tannulla d-deċiżjoni kkontestata.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## Rikors ippreżentat fis-7 ta’ Frar 2020 – IJ vs Il-Parlament

**(Kawża T-74/20)**

(2020/C 103/50)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* IJ (rappreżentanti: L. Levi, M. Vandenbussche u A. Champetier, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara r-rikors odjern ammissibbli u fondat,

u konsegwentement,

— tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewroprew tal-10 ta' Ottubru 2018 sa fejn din tapplika għar-rikorrenti l-klawżola ta' riżerva prevista mill-Artikolu 100 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea;

— sa fejn dan ikun neċessarju, tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tad-29 ta' Ottubru 2019 sa fejn din tiċħad l-ilment tar-rikorrenti tat-8 ta' Jannar 2019;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, huwa bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 100 tal-kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Ir-rikorrenti issostni li l-applikazzjoni tal-klawżola ta' riżerva għall-każ tagħha kienet tikser l-Artikolu 100 tal-kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea li għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv u b'mod konformi mal-prinċipju ta' moviment liberu tal-ħaddiema previst fl-Artikolu 45 TFUE. L-Artikolu 100 tal-kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea għandu wkoll jiġi interpretat b'mod konformi mal-Artikoli 34 u 35 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta") u mal-Artikoli 12 u 13 tal-Karta Soċjali Ewropea. Sussidjarjament, ir-rikorrenti qajmet eċċezzjoni ta' illegalità tal-Artikolu 100 tal-kondizzjonijiet tal-impjieg applikabbli għall-aġenti l-oħra tal-Unjoni Ewropea, peress li din id-dispożizzjoni tikser l-Artikolu 45 TFUE, l-Artikoli 34 u 35 tal-Karta u l-Artikoli 12 u 13 tal-Karta Soċjali Ewropea.

2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni sanċit fl-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Unjoni Ewropea u fl-Artikolu 21 tal-Karta. Ir-rikorrenti iqis li l-applikazzjoni fil-konfront tagħha tal-klawżola ta' riżerva iċċaħħadha, għal perijodu ta' ħames snin, minn ċerti elementi ta' kull benefiċċju tal-invalidità u tikkostitwixxi, barra minn dan, diskriminazzjoni pprojbita mill-Artikolu 1d tar-Regolamenti tal-Persunal u l-Artikolu 21 tal-Karta.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta' premura. L-amministrazzjoni kisret l-obbligu tagħha ta' premura meta dan l-obbligu kien ġie msaħħaħ fid-dawl tal-istat tas-saħħa fraġġli tal-aġent inkwistjoni.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta' Frar 2020 – Abitron Germany vs EUIPO – Hetronic International (NOVA)**

**(Kawża T-75/20)**

(2020/C 103/51)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Abitron Germany GmbH (Langquaid, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Matschke, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Hetronic International, Inc. (Oklahoma City, Oklahoma, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Proprjetarju tat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* it-trade mark tal-Unjoni Ewropea NOVA – Trade mark tal-Unjoni Nru 13 711 718

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-10 ta' Diċembru 2019 fil-Każ R 521/2019-4